MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 48/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala **Dok. 'A''**;
2. Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom tifel, senjatament Jerome Jules Delia, li twieled fit-tnejn (2) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007);
3. Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* sa mill-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) b'dan illi ulterjorment huma ilhom ukoll legalment separati sa mill-14 ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u dan skont ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv redatt minn Nutar Roland Wadge, li kopja awtentika tiehgu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. 'B'**;
4. Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li huma ilhom jghixu separatament ghal hames (5) snin u ilhom ukoll legalment separati ghal aktar minn erba' (4) snin, huma jghixu wkoll hajja totalment separata minn xulxin b'rabtiet familjari godda;
5. Illi ma hemm l-eba kwistjoni bejn il-partijet in konessjoni ma' kwalunkwe hlas ta' manteniment, b'dan illi l-manteniment dovut ghall-imsemmi minuri ai termini tal-klawsola numru 12 tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness, dejjem thallas u ghadu jithallas mir-rikorrenti Emanuel Delia regolarment u b'mod puntwali skont it-termini u kundizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratt;
6. Illi da parti tieghu r-rikorrenti Emanuel Delia rrinunzja b'mod definittiv ghad-dritt tieghu li jitlob u/jew jircievi manteniment minghand l-intimata Anja Delia u dan kif jirrizulta mill-klawsola numru tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejn il-partijiet;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg (divorzju) bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Marzu, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati mill-1 ta' Dicembru 2008 u legalment separati mill-14 ta' Dicembru 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------